MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2010

Appell Kriminali Numru. 159/2009

**Il-Pulizija
(Spt. David Saliba)
Vs
Marco Putzulu Caruana**

**Illum 11 ta’ Jannar, 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli bhala “project supervisor” fl-istadju ta’ l-ezekuzzjoni mhar it-23 ta’ Marzu 2009 matul il-gurnata w fil-granet ta’ qabel fis-sit tal-kostruzzjoni sitwat fi Triq is-Simar, San Pawl il-Bahar, naqas li jikkordina l-implimentazzjoni tad-dispozizzjonijiet rilevanti sabiex jigi zgurat li l-kuntratturi, u jekk ikun mehtieg ghall-protezzjoni tal-haddiem, persuni mpjegati ghal rashom jsegwu l-pjan ta-sahha w sigurta’. Naqas li jorganizza koperazzjoni bejn il-kuntratturi, inkluzi l-kuntratturi successivi fuq l-istess sit, koordinazzjoni ta’ attivitajiet taghhom fl-iskop li jigu protetti l-haddiema w li

jigu evitati incidenti w periklu li ghas-sahha fuq il-post tax-xoghol u nformazzjoni reciproka, hekk li jigi zgurat li persuni li jahdmu ghal rashom jiddahhlu f'dan il-process meta jkun hemm bzonnu jikkoordina arrangament sabiex jivverifikaw li l-proceduri tax-xoghol ikunu qeghdin jigu implimentati b'mod korrett u dan ai termini ta' l-artikoli 5(a)(b)(e) ta' l-A.L. 281/2004.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Mejju, 2009, li biha, wara li rat ir-Regolament 5(a)(b0(e) ta' l-A.L. 281/2004, ma sabitx lill-appellat hati w ghaldaqstant illiberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-21 ta' Mejju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata, tghaddi biex isib lill-appellat hati tal-akkuzi migjuba kontrih u tiddeciedi l-appell skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-Ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ligi w tal-provi migjuba li wasslet ghall-helsien tal-appellat f'dawn il-proceduri;
2. Illi l-Ewwel Qorti sahqet illi mill-provi tal-partijiet waqt il-proceduri quddiemha ma rrizultax li l-appellat ma kienx ikkordina l-implimentazzjoni tal-principji generali tas-sahha w sigurta' skond ir-regolamenti kkwotati mill-prosekuzzjoni w ghaldaqstant illiberatu mill-akkuzi migjuba kontrih. Madanakollu preliminarjament jinghad illi l-punt ta' kontestazzjoni jirrirkonda l-interpretazzjoni tal-kelma "koordinazzjoni" kif inhi indikata fir-regolamenti relevanti ghal dan il-kaz. Tajjeb illi jsir eami akkurat ta' fiex ghandha tikkomprendi tali koordinazzjoni peress illi dan jista' jiddependi kemm mir-rwol tal-persuna kkoncernata kif ukoll mill-effettivita' tal-agir tieghu;

3. illi jekk induru lejn il-kaz in ezami u naraw il-fatti aktar fil-fond, jirrizulta li l-appellat kellu r-rwol ta' "project supervisor" li huwa l-persuna nkarigata sabiex taccerta li r-regolamenti dwar is-sahha w sigurta' fuq il-post tax-xoghol jigu effettivament imposti w applikati. Dan ir-rwol jigi ezercitat minnu ghan-nom tal-klijent li jkun qabdu u mhux ghan-nom tal-kuntrattur li fl-ahhar mill-ahhar ghandu interess ahhari li l-proget tal-bini jsur u jitlesta kond kif mahrug mill-pjanti tas-sit li jkun. Di piu jekk issir referenza ghar-regolament numru 7 tal-Avviz Legali 281/2004 insibu istanzi rapprezentanti l-agir xieraq li dak li jkun, dejjem ai fini ta' osservanza tal-principji regolati minn dawn ir-regolamenti;

4. Illi jekk naghmlu referenza ghall-emails mibghuta mill-appellat u li gew ipprezentati f'dawn il-proceduri minnu bhala parti mill-provi tad-difiza, liema emails taw indikazzjoni li kien hemm xi tip ta' kommunikazzjoni dwar ir-regolamenti tas-sahha w s-sigurta' li kellhom jigu osservati, w li filfatt gew meqjusa bhala prova sufficjenti mill-Ewwel Qorti li l-appellat kien ikkordina sabiex il-pricipji dwar is-sahha w is-sigurta' fuq il-post tax-xoghol jigu osservati, fl-ewwel lok naraw illi l-komunikazzjonijiet li sehhew kienu bejn l-appellant u certu Tyrone li jirrizulta li huwa l-"works manager" imqabbad mill-kuntrattur;

5. Illi f'ebda wahda minn dawn l-emails ma jirrizulta li l-appellat ikkomunika mla-klijent, ghan-nom ta' min l-appellat kien qed jagixxi. Kien ikun ferm aktar sensat li l-komunikazzjonijiet mehtiega ikunu saru mal-klijent peress illi kien fl-interess tal-klijent illi dawn ir-regolamenti jigu mharsa w wisq anqas lill-kuntrattur li kellu d-dmir li jhares is-sahha w is-sigurta' tal-haddiema tieghu fuq il-post tax-xoghol. Izda l-unika emails li saru mill-appellat saru biss lill-"works manager" li r-rwol tieghu huwa biss li jimxi skond il-pjanti lijkollu. Iktar importanti minn hekk pero' huwa l-fatt li l-kontenut ta' dawn l-emails ma jistax jitqies bhala prova sufficjenti ta' koordinazzjoni effettiva skond ir-regolamenti ndikati fl-akkuzi;

6. Jinghad ukoll li jekk sehhu xi spezzjonijiet mill-appellat tul ix-xhur kollu li matulu sehh il-bini, qatt ma ngibdet l-attenzjoni tal-klijent jew ossia l-kuntrattur minnu dwar l-ezistenza ta' numru konsiderevoli ta' nuqqasijiet partikolarment ta' perikoli ta' waqqat mill-gholi.

Kuntrarjament la-ppellat kull m'ghamel huwa li kkopja l-emails mibghuta lilu mill-Awtorita' ghas-Sahha w Sigurta' fuq il-post tax-xoghol lil certu Tyrone:;

7. Illi l-appellant jissottometti bir-rispett kollu li l-fatt illi l-appellat baghat emails mhuwiex bizzejjed ai fini ta' koordinazzjoni effettiva peress illi minn messaggi telegrafici, wiehed ma jistax ikun jaf jekk fil-fatt l-livelli rikjesti ghall-protezzjoni ta-sahha w is-sigurta' fuq il-post tax-xoghol qeghdin jigu milhuqa. Il-fatt li ttiehdu passi kontra l-appellat kif ukoll il-provi migjuba mill-prosekuzzjoni li jindikaw li dawn ir-regolamenti ma gewx osservati huma indikazzjoni cara tan-nuqqas sfaccat tal-effettivita' ta' dawn il-messaggi. Hawnhekk tajjeb illi nfakkru li l-koordinament sabiex dan isir kein f'idejn l-appellat li kellu jaccerta minn jeddu li l-istruzzjonijiet tieghu qeghdin isehhu w jigu implimentati. Jekk dan ma kienx qed isir hu kellu kull dritt u obbligu fil-posizzjoni tieghu li jiehu l-passi kollha mehtiega, billi jinforma lil klijent li ghalih qed iwettaw ix-xoghol, kif ukoll lill-kuntrattur u aktar billi jdahhal lill-awtoritajiet responsabbli sabiex jaghmlu li hemm bzonn. Dan pero' qatt ma sehh;

8. Illi l-istat prekarju tas-sit in kwistjoni gie ampjament ippruvat mir-ritratti ezebiti fil-kors tal-proceduri w waqt il-provi tal-prosekuzzjoni. Per ezempju minn hemmhekk wiehed jista' jara li l-iscaffolding uzat ma kienx skond il-livelli mehtiega mir-regolamenti dwar is-sahha w is-sigurta' fuq il-post tax-xoghol u dan skond Parti B tal-iskeda IV tal-Avviz Legali 281/2004, ir-regolament 5(1) tal-Avviz Legali 282/2004, ir-regolamenti dwar is-Sigurta' tal-Bini (LN 96/1968) kif ukoll il-"Code of Practice for the Building and Construction Industry in Malta" maghmul fis-snin 1997 u 2006. filfatt minn dawn ir-regolamenti johrog illi l-iscaffolding irid jitella fuq livell catt u iebes u jrid ikun cirkondat minn "base plate" ai fini tal-istabbilita'. Illi l-istess regolamenti jaghtu stampa ferma aktar cara ta' dak kollu li scaffolding ghandu jkollu. Fin-nuqqas ta' dawn il-mizuri, ikun hemm riskju reali li l-iscaffolding ma jkunx jista' jservi l-iskop tieghu li jsir xoghol minn fuqu b'mod sigur u ghaldaqstant jista' facilment u indubjament iwassal ghall-periklu serju fuq il-post tax-xoghol lill-haddiema;

9. Illi jekk naghmlu referenza ghar-ritratti johrog ampjament car li l-ebda wahda mill-iscaffoldings fotografati minn fuq is-sit, m'ghandu l-"base plate"
kif rikjest mill-ligi, apparti mill-fatt li huma elevati fuq brikk tal-konkos li huwa vojt minn gewwa (hollow) u gieli jidher li l-iscaffolding lanqas huwa mwaqqaf b'mod centrat. Nuqassijiet ohra li jidhru jinkludu fallaka wahda, w ghaldaqstant nuqqas ta' "full flooring", nuqqas ta' "toe boards" u nuqqas ta' access fost hafna nuqqasijiet ohra. Li kieku l-appellat ghamel koordinazjoni effettiva w ra l-ghamla tal-iscaffolding in kwistjoni, ma kienx jippermetti li x-xoghol jitkompla minhabba l-periklu sfaccat u kien jiehu l-passi kollha mehtiega mal-awtoritajiet ikkoncernati. Apparti minn hekk hemm regolamenti ohra intizi ai fini tal-protezzjoni tas-sahha w sigurta' tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol li gew miksura fosthom periklu mminenti ta' waqghat mill-gholi li fih innifsu jirraprezenta diversi cirksotanzi periklanti f'bini bhal dan in ezami li ghandu bosta sulari gholja. Dawn ic-cirkostanzi u nuqqasijiet kollha filfatt irrizultaw f'dan is-sit waqt l-ispezzjonijiet li saru mill-awtoritajiet kompetenti;

10. Illi fir-rigward ta' dan l-iscaffolding id-difiza sabiex tirribatti t-tezi tal-prosekuzzjoni pprezentat ittra bil-miktub minn Robert Malou ghan-nom tal-kumpanija Malou Brothers fejn hemm iccertifikat l-ispecifikazzjonijiet tal-iscaffolding uzat fuq is-sit. Madankollu, u bir-rispett kollu, il-kontenut ta' dan ic-certifikat ma jiccertifika mkien li l-iscaffolding sar jew ittella skond ir-regolamenti dwar is-sahha w is-sigurta' fuq il-post tax-xoghol izda jispjega biss il-materjal u l-montatura tal-iscaffolding uzat. Il-livelli mehtiega skond ir-regolamenti mertu ta' dan il-kaz ma jitqiesux u l-fatt li hemm indikat li s-sur Malou kien jaghmel spezzjonijiet kull gimgha ma jfisser xejn specjalment meta wiehed iqis li ma ngabet l-ebda prova dwar il-kompetenza tal-imsemmi Robert Malou jew dwar il-kontenut tac-certifikat ezebit u kwindi wkoll dwar jekk effettivament dawn l-ispezzjonijiet saru. Hemm anki dubbju serju dwar il-validita' tac-certifikat innifsu li huwa sempliciment bicca karta miktuba minn dan il-bniedem u ffirmat minnu li lanqas ma gie kkonfermat f'ebda mod mid-difiza. Il-fatt li xehed l-akkuzat ma kienx bizzejjed f'dan il-kaz.;

11. illi finalment jinghad b'referenza ghall-emails li ntbaghtu u partikolarment dwar l-email datata t-3 ta' marzu 2009 li allavolja jidher li l-appellat kien jaf x'inhuma l-livelli rikjesti mill-ligi ai fini tal-prekawzjonijiet mehtiega ghall-montatura tal-iscaffold, u allavolja jidher li l-appellat kien avza lil Tyrone li jekk ma jkunx hemm dawn il-prekawzjonijiet dan ix-xoghol ghandu jitwaqqaf, tali avviz kellu jsir ferm qabel ma sar il-preavviz tal-awtorita' kompetenti. M'hemm l-ebda dubbju kwindi li kien hemm perjodu ta' diversi xhur fejn kien hemm il-ksur tar-regolamenti u fejn l-appellat effettivament m'ghamel xejn li wassal ghall-implimentazzjoni effettiva ta' dawn il-mizuri ghall-protezzxjoni dwar is-sahha w is-sigurta' fuq il-post tax-xoghol. Ghaldaqstant kellu jinstab hati tal-akkuzi migjuba kontrih anki meta wiehed iqis li l-provi li ngabu mid-difiza ma kinitx sufficjenti sabiex tirribatti t-tezi tal-prosekuzzjoni, kif inhu pretiz li jsir f'tali proceduri.

Ikkonsidrat

Qabel mal-Qorti tghaddi biex tittratta l-appell tal-Avukat Generali trid tiddisponi minn zewg eccezzjonijiet preliminari ta' nullita' imqajjma mill-appellat.

Dawn jikkoncernaw l-isem tal-appellat kif ukoll is-sit ta' kostruzzjoni kif indikati fir-rikors tal-Avukat Generali.

Dwar l-isem l-appellat qieghed jilmenta illi hu gie indikat hazin bl-isem ta' Mario meta fil-fatt jismu Marco.

Is-sit ta' kostruzzjoni mhuwiex Triq is-Simar izda Xemxija Hill, San Pawl il-Bahar.

Ikkunsidrat :

Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-Avukat tal-appellat fuq dawn iz-zewg punti izda ma tistax tasal ghall-konkluzzjoni illi dawn in-nuqqasijiet huma tant serji li jwasslu ghan-nullita' tal-appell.

Huwa minnu illi fir-rikors tal-Avukat Generali l-appellat gie indikat bhala Mario flok Marco. Ovvjament dan huwa

zball li facilment jittiehed meta wiehed jikkonsidra s-similarita' bejn iz-zewg ismijiet. Anki l-kaligrafija tista' tqarraq meta inqraw dawn l-ismijiet. Hu x'inhu l-appellat kien jaf li r-rikors kien jirreferi ghalih tant hu hekk illi fir-risposta tieghu huwa wiegeb ghall-ilmenti ta' l-Avukat Generali, kien prezenti fl-Awla waqt it-trattazzjoni tal-appell u qatt ma qal illi dan il-kaz ma kienx jirreferi ghalih.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-izball tal-Avukat Generali mhuwiex zball formali illi jgib in-nullita' tal-atti izda zball ta' importanza zghira illi ma jgibx pregudizzju ghad-drittijiet tal-appellant, liema drittijiet baqghu mittiefsa.

L-istess jinghad ghall-indikazzjoni tas-sit gewwa Triq is-simar flok Xemxija Hill, San Pawl il-Bahar. Hawn ukoll l-appellat jaf ghal liema sit ta' kostruzzjoni dan il-kaz qieghed jirreferi. Wiegeb ghall-akkuzi tal-Pulizija w tal-ilmenti tal-Avukat Generali w qatt ma qal illi l-provi li gew prodotti ma kieux jirreferu ghas-sit illi tieghu kien responsabbli. Ikkontesta dan il-kaz purament fuq il-mertu w l-interpretazzjoni tal-kelma koordinazzjoni kif inhi indikata fir-regolamenti rilevanti ghal dan il-kaz.

Ghalhekk hawn ukoll issib illi dan l-izball huwa wiehed tekniku izda mhux formali illi jgib xi pregudizzju ghal drittijiet tal-appellant u ghalhekk il-Qorti tghaddi biex tichad dawn iz-zewg eccezzjonijiet ta' nullita' imqajjma mill-appellat u tghaddi biex tikkonsidra l-mertu.

Ikkunsidrat :

Il-punt ta' kontestazzjoni f'din il-kawza jirriferi ghall-interpretazzjoni tal-kelma "koordinazzjoni" kif indikata fir-regolament 5 (a)(b)(e) tal-Avviz Legali 281/2004.

Irrizulta mill-provi illi f'Ottubru tal-2008 l-appellat Marco Putzulu Caruana inghata inkarigu bhala "Project Supervisor" fuq projett ta' bini illi kien tielgha f'San Pawl il-Bahar. L-appellat accetta dan l-inkarigu w ix-xoghol ta' kostruzzjoni beda taht is-supervizjoni ta' Tyron Borg illi kien "Works Manager" imqabbad mill-klijent. Jidher li kien hemm xi korrespondenza jew komunikazzjoni bejn l-

appellat u Tyron Borg peress illi jidhru emails skambjati bejn dawn iz-zewg persuni.

Fit-23 ta' Marzu 2009 inqala incident illi kellu jigi investigat mid-Dipartiment tas-Sahha w Sigurta'. Waqt investigazzjoni fuq is-sit, instab illi kien hemm xi perikoli ghas-sahha ta' terzi principalment dwar kif kien armat l-iscaffolding, il-bazi tieghu w kif dan kien armat. Gew esebiti diversi ritratti li ttiehdu fuq il-post fejn juru nuqqasijiet kbar ghal dak li huwa l-armar u l-bazi ta' l-iscaffolding.

Jidher illi din ma kienitx l-ewwel darba illi d-Dipartiment kien ghamel xi spezzjoni fuq is-sit. Tant hu hekk illi permezz ta' email tat-3 ta' Marzu 2009 (fol. 19) l-appellat qieghed jinforma lil Tyron Borg illi l-OHSA kienet sabet xi oggezzjonijiet dwar l-armar ta' l-iscaffolding u l-appellat qieghed jinforma lil Tyron Borg sabiex minn naha tieghu, jinforma lill-kuntrattur biex jiehu l-mizuri neccessarji halli jirrimedja d-difetti w jekk dawn ma jsirux allura x-xogholijiet fuq is-sit ghandhom jieqfu.

Id-difiza qeghda tghid illi dawn l-emails huma bizzejjed sabiex jezimi lill-appellat mir-responsabilta' ta' l-incident. Targgumenta illi f'din l-era teknologika jrid bil-fors isir uzu tal-email sabiex issir korrispondenza immedjata w b'hekk jistghu jsiru mizuri rimedjali fil-hin.

Bir-rispett il-Qorti ma jidhirlix illi dina hija interpretazzjoni korretta tal-kelma "koordinazzjoni" fis-sens tal-ligi.

Ikkonsidrat :

Meta l-Ligi tuza l-kelma "koordinazzjoni" trid illi l-"Project Manager" ghandu jkun "on site" ilaqqa' l-partijiet kollha involuti fil-kostruzzjoni, jara x'mizuri ta' sigurta' ghandhom jittiehdu w jassigura illi dawk il-mizuri jkunu fil-fatt ittiehdu. irid jikkoordina x-xoghol bejn is-sid, il-kuntrattur u d-diversi haddiema illi jkunu qeghdin jahdmu f'kwalunkwe hin f'xi sit ta' kostruzzjoni w jassigura illi dawn il-haddiema jkunu dejjem siguri w ma jkunux esposti ghall-periklu l-iktar u iktar meta jkun hemm bini gholi.

Peress illi sit ta' kostruzzjoni ghandu certa periklu imhabba nuqqas ta' ilqugh, bejn sular u iehor, u xaftijiet, hija responsabilita' tal-"Project Manager" illi jassigura illi dan is-sit ma jkunx ta' periklu ghall-haddiema w nies ohra illi jista' jkollhom access ghas-sit.

Din ir-responsabilita' ma tigix merfugha b'semplici email minghajr ma jkun hemm assigurazzjoni illi fil-fatt ir-rakkomandazzjonijiet qeghdin isiru.

Mhuwiex bizzejjed illi "Project Manager" jibghat email lill-"Works Manager" sabiex dan jikkomunika ma' persuna ohra biex isiru x-xogholijiet rimedjali. Bhala "Project Manager" irid ikun personalment "on site" sabiex jassigura illi r-rakkomandazzjonijiet tieghu qed jigu mwettqa.

Jidher illi l-appellat huwa gradwat f'dan il-qasam ta' "Health and Safety" u bhala tali kellu jkun jaf ir-responsabilitajiet tieghu w sa fejn dawn iwwasslu. Tajjeb illi ghamel uzu mill-informazzjoni teknologika illi hemm disponibbli llum, izda dan wahdu mhuwiex bizzejjed. Il-kuntatt personali w assigurazzjonijiet vizivi ghandhom dejjem jiehdu precedenza fuq kwalunkwe komunikazzjoni ohra. Wara kollox, sit ta' kostruzzjoni huwa sit ta' attivita' fizika qawwija fejn il-haddiema jkunu il-hin kollu telghin u nizlin minn tarag, minn scaffolding u minn mezzi ohra ta' trasport li mhux dejjem ikunu daqshekk siguri fejn allura l-livell ta' attenzjoni huwa ferm ghola minn dak normalment rikjest.

Ghalhekk fejn f'cirkostanzi ohra komunikazzjoni bl-email tista' tkun sufficjenti fejn dak li jkun jista' jwassal il-messagg tieghu, f'dan il-kaz, f'sit ta' kostruzzjoni, dan mhuwiex bizzejjed u l-"Project Manager" bhala l-persuna responsabbli ghas-Sahha w is-Sigurta' ghandu jassigura bil-presenza tieghu illi l-mizuri kollha ta' sigurta' fil-fatt qeghdin jittiehdu. F'dan il-kaz ir-ritratti juru bic-car illi dan ma kienx qed isir. L-iscaffolding ma kienx ittella bis-sengha w jidhru difetti kbar f'dak li huwa solidita' w l-kostruzzjoni tieghu. Dawna kellhom ikunu ben vizibbli ghall-appellat illi kieku kien fuq il-post u ra kif kien imtella'

dan l-iscaffolding. Il-fatt illi kellhom imorru l-Ispetturi tad-Dipartiment u jigbdu l-attenzjoni tal-kuntrattur jew min kien qieghed fuq is-sit illi l-iscaffolding ma kienx imtella' bis-sengha, juri bic-car illi l-appellat naqas mill-obbligazzjoni tieghu illi jkun "on site" u jara li l-iscaffolding ikun imtella' kif suppost.

"Koordinazzjoni" fis-sens tar-regolament tfisser li iggib f'relazzjoni ordnata d-diversi senghat u artiggjanati li jkunu ser jipprestaw is-servizzi taghhom fuq xoghol partikolari, liema relazzjoni ordnata ghandha twassal ghat-twettieq tax-xoghol minghajr periklu ghas-Sahha w Sigurta' ta' min ikun qed jahdem.

Kif gja inghad din ir-relazzjoni ordnata ma tigix imwettqa bl-emails u bir-ripurtagg ta' dak illi jkunu osservaw l-ispetturi tad-dipartiment tas-Sahha w Sigurta'.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-appellat naqas illi jikkoordina l-implimentazzjonijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti sabiex jigi sigurat li jkun hemm protezzjoni tal-haddiema w persuni ohra impjegati ghal rashom kif ukoll naqas illi jorganizza kooperazzjoni bejn il-kuntratturi w dan ai termini tal-artikolu 5(a)(b)(e) tal-Avviz Legali 281/2004.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' w tiddeciedi illi tilqa' l-appell tal-Avukat Generali, thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata deciza mill-Qorti tal-Magistrati tas-6 ta' Mejju 2009 fil-konfront tal-appellat Marco Putzulu Caruana, issib minflok lill-appellat hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu, w ghal dak li huwa ghal piena, wara li rat il-fedina penali nadifa tal-appellat tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tlett (3) xhur b'dana illi wara li rat l-artikolu 22A tal-Kap. 9 tordna li dan it-terminu jkun sospiz ghal zmien sentejn (2) mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------